**Issorprendejtni**

Ħsibtek xi għarfa
Li taf titkellem
Ħsibtek ħassieba
Lilha trid temmen.

Ħsibtek xi xempju
Tal-aqwa virtù,
Ħsibtek kampjuna
Ta' dak li hemm fuq.

Aktar ma smajtek
Tkellimni bil-ħsieb,
Qalbi wisq tnikktek
Ingħalaq il-bieb.

Possibbli ħajtek
Biss frugħa tad-dnub,
Possibbli ruħek
Qed tmut fil-magħluq?

Għaliex tintelaq
Għar-raġunament,
Warrabha l-fidi
Dik impediment.

Għall-progress għami
Bla Alla, bla sens,
Min għad iwensek
Fit-tlajja' is-sess?

Jew il-pjaċiri
li jferu lill-qalb?
Jaħasra weġġajt
Qed tgħix mingħajr talb.

Kollox jgħaddilek
l-allat jgħibulek,
tispiċċa waħdek
qalbek kissrulek.

U dik il-ftila
Li int malajr tfejt,
Kemm għad tibkieha
Lil ħajtek int fnejt.

Għalik se nitlob
Biex jasal il-waqt,

Meta tintebaħ
Kemm tassew ħawwadt.

Forsi tinfetaħ
Lura terġa, ddur,
Lejn dak Missierek
Hekk qalbek għad tfur.

Bl-imħabba kbira
Lilha int tfittex,
Issirx vittma ta
Min lilek jinbex.

Ieqaf deċiża
Tibqax tal-ġuġu,
Fieq għax jixraqlek
Intelaq f'Ġesù.

Patri Mario Attard OFM Cap
5 ta' Mejju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.